MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Numru 985/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Simon Rhys Mansfield**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Simon Rhys Mansfield ta' 22 sena, iben Thomas John u Maria Concetta nee Sarsero, imwieled 13 ta' Frar 1986, Pieta, u residenti Ambleside, Triq San Gwann l-Evangelista (Bahar ic-Caghaq) Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita 92086(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer:

1. Fil-lejl tat-12 ta’ Otubru 2008, f’xi hin bejn l-10.30p.m. u l-11pm, fi Triq San Gorg, San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe, talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna u cioe lil Clinton Busuttil, jew li jqieghed il-hajja tiegh f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi permezz ta’ strument (hadida), ta’ daqqa f’parti vitali tal-persuna tal-imsemmi Clinton Busuttil, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta’ strument (hadida) ikkaguna ferita ta’ natura gravi liema offiza seghet iggib perikolu ghal hajja tal-imsemmmi Clinton Busuttil jew giet maghmula b’ferita li dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem, skond ma iccertifika t-tabib Michael Spiteri tal-Isptar Mater Dei;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament saq vettura ta’ l-ghamla Smart numru tar-registrazzjoni GBG 202 b’manjiera traskurata u perikoluza;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt li hin (recte kien) ghaddej minn Triq Paceville hu saq vettura numru ta’ registrazzjoni GBG 202, naqas li jieqaf u jaghti l-partikolarijiet tieghu meta kien involut f’accidet tat-traffiku.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura Smart numru ta’ registrazzjoni GBG 202 minghajr ma kienet illicenzjata mill-pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata)

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura Smart numru ta’ registrazzjoni GBG 202 minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

7. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-lejl, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, b’ghajjat u bil-glied.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 t'Ottubru 2009, fejn deherlu li tista' tinstab htija:
a) fl-artikoli 216(1)(a)(i) u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9
b) fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65
c) fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 (ripetizzjoni ta' l-istess Avukat Generali)
d) fl-artikolu 3(1), (3(1)(A) u 3(2) tal-Kapitolu 104, u
e) fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Wara li semghet il-provi, inkluz il-fedina penali aggiornata ta' l-imputat;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawk l-akkuzi fic-charge sheet originali li ma gewx riprodotti fl-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali.

**L-Imputazzjoni ta' Ferita Gravi fuq il-Persuna**

Illi mill-provi jirrizulta pruvat, anzi lanqas huwa kontestat, li fil-gurnata, hin u lok indikati, l-imputat u Clinton Busuttil spiccaw gew fl-idejn u f'din il-glieda intuzat hadida. Mill-provi medici jirrizulta li waqt li l-imputat sofra feriti hfief, Clinton Busuttil sofra feriti ta' natura gravi (principalment

f'rasu) li setghu ikkagunawlu l-mewt, u li se jibqghulu marka permanenti. Konsegwentement dawn il-feriti gravi jaqghu fl-opinjoni ta' din il-Qorti taht l-Artikoli 216(1)(a)(i) u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dak li ovvjament m'hemmx qbil fuqu huwa dwar ic-cirkostanzi li taw lok u svolgew f'dan l-incident.

Il-versjoni li l-imputat ta fl-istqarrija *a tempo vergine* hija li dak in-nhar ghal habta ta' xi l-10.30p.m. jew il-11.00p.m. kien qed jipprova jipparka l-karozza tieghu Smart fi triq gewwa Paceville, meta bin-naha ta' quddiem xellug laqat in-naha tal-lemin ta' bumper ta' vettura ohra. Rega' hareg minn fejn kien qed jipprova jipparkja, u hu u sejjer ra lil (dak li assuma li kien) sid dik il-vettura go vettura ohra ma ragel iehor u rah jiehu in-numru tieghu fuq il-mobile. L-imputat baqa' sejjer u sab jipparkja fi Triq San Gorg. Hareg mill-karozza u kien fi triqtu lejn Paceville, meta sid il-vettura li laqat maghha – li irrizulta li kien Clinton Busuttil - hareg ghalih minn gol-vettura l-ohra li waqfet hdejh u aggredih b' *wheel brace* forma ta' salib, u tah xi daqqiet ta' hadida fuq rasu u dahru. L-imputat iddefenda ruhu u irnexxielu johodlu l-hadida u jahseb li laqghat lil Busuttil, li kien lahaq kisser n-nuccali tal-vizta u qatgha katina tal-fidda ta' l-imputat. Busuttil ipprova jifga lill-imputat sakemm gew il-pulizija u ferquhom. L-imputat baqa' jsostni din il-versjoni kemm meta xehed quddiem l-espert tekniku l-AIC Richard Aquilina, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Il-vittma Clinton Busuttil xehed quddiem l-espert tekniku l-AIC Richard Aquilina, li hu kien fil-karozza tieghu, sejjer fid-direzzjoni ta' tas-Sliema, meta l-imputat saq ghal go fih. Qal li meta hu nizel u staqsieh ghaliex kien ghamel hekk, l-imputat nizel mill-karozza, beda jaghti bis-sieq fuq it-tyre ta' quddiem tan-naha tal-passiggier u beda joffendih u jheddu u tah xi daqqiet fuq rasu b'hadida, storda, waslet l-ambulanza u haditu l-isptar. Bazikament Busuttil ta din l-istess versjoni meta xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2008.

Fl-istess seduta, Chris Callus, habib ta’ Clinton Busuttil, ikkonferma li kien qed isuq il-karozza ta Busuttil, ghax dan ta’ l-ahhar hassu stordut. Huwa ikkorrabora sostanzjalment il-verzjoni ta’ Busuttil.

B’lealta lejn il-Qorti, - u l-Qorti tapprezza din il-lealta – l-ufficjal prosekutur esebixxa dikjarazzjoni li l-istess Chris Callus kien ghamel l-ghada ta’ l-incident. F’din id-dikjarazzjoni Callus qal li hu kien fil-karozza tieghu Peugeot flimkien ma’ Busuttil, meta l-imputat laqghat il-karozza Toyota ta’ Busuttil. Peress li l-imputat telaq minn fuq il-post, huma marru ifittxuh, biex ihallas ghal hsara u sabuh qed jipparkja quddiem pastizzerija. Busuttil u l-imputat gew fl-idejn, u Callus jghid li ra lill-imputat jaghti lil Busuttil daqqiet b’hadida, u eskluda li Busuttil kien hareg xi hadida mill-karozza ta’ Callus.

Chris Callus rega’ tela’ jixhed fis-seduta tat-23 ta’April 2009 fuq talba ta’ l-Avukat Generali. Ix-xhieda tieghu huwa rega’ ikkorrabora *presso o poco* x-xhieda ta’ Busuttil. Billi kien xhud ostili, inzamm arrestat u rega’ ittellgha jixhed. Huwa baqa’ jinsisti li l-imputat kien irriversja fuqhom, li marru ifittxu lill-imputat u sabuh ghadu jipparkja. Busuttil nizel ikellem lill-imputat b’mod aggressiv, u gew fl-idejn. Skond Callus, f’xi hin l-imputat gab hadida u ta biha lil Busuttil. Callus ammetta li qabel l-incident Busuttil kien xorob xi 4 jew 5 grokkijiet vodka, u kien irrabjat ghall-imputat ghax skond hu irriversja fuqhom.

Clinton Busuttil ukoll rega’ gie riprodott, u cahad li kien xorob, pero qal li meta regghu raw lill-imputat, l-imputat kien diga ipparkja u miexi fid-direzzjoni ta’ Paceville, u skond ix-xhud l-imputat kien sejjer Paceville b’hadida f’idu. Ghal numru ta’ domandi x-xhud kien reticenti jew sofra amnesija.

Il-hadida li intuzat fil-glieda baqghet ma nstabitx.

Minghajr ezitazzjoni ta’ xejn, l-Qorti tghid li li x-xhieda ta’ Busuttil u Callus m’hix attendibbli in vista tan-numru ta’ kontradizzjonijiet u bdil fil-verzjonijiet, u issib li l-verzjoni li

ta' l-imputat hija wahda kredibbli u huwa baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu minn meta ta l-istqarrija lill-ufficjal prosekutur sa meta xehed quddiem din il-Qorti. In oltre huwa sinifikati ukoll li l-versjoni ta' l-imputat hija korroborata f'diversi partijiet bid-dikjarazzjoni tal-fatti li Christopher Callus ta' lill-ufficjal prosekutur *a tempo vergine* – li hi totalment differenti mill-verzjoni li ta waqt ix-xhieda tieghu.

Il-versjoni ta' l-imputat hija wkoll korraborata b'dawn il-fatti cirkostanzjali:

1. Skond ir-rapport tal-Perit Richard Aquilina il-karozza *Toyota* ABP 826 ta' Clinton Busuttil ma kellha l-ebda hsara vizibbli u l-karozza *Smart* GBG 203 ta' l-imputat kellha mesha cara fuq in-naha tal-lemin ta' wara tal-bumper.
2. it-tip ta' karozza ta' l-imputat la fiha spare wheel u lanqas brace. Meta jiehu puncture jitfa' gel fit-tyre u wara jonfhu.
3. Busuttil huwa twil hafna u l-imputat qasir. Busuttil kien qabad lill-imputat minn ghonqu u l-imputat beda jghidlu li se jifgaw, pero lanqas il-pulizija ma irnexxielu ihollu idejn Busuttil[1]
4. Busuttil u Callus qalu lil wiehed mill-pulizija li mar fuq il-post li l-imputat kien ta bil-hadida fuq il-karozza, pero, il-pulizija xehed li hu ma seta' jara l-ebda daqqiet fuq il-karozza.[2]

B'riferenza ghal din l-imputazzjoni ta' ferita gravi fuq il-persuna, id-difiza qieghda tinvoka l-iskriminanti tal-legittima difeza, u dan a tenur ta' l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna ... ... huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

[1] Ara xhieda Spettur Carlo Ellul a fol. 111 tal-process.
[2] Ara xhieda Spettur Carlo Ellul a fol. 112-113 tal-process.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali[3] fis-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** gie ritenut illi: *"Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem ta' l-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid seta' ghamel jew xi jmissu ghamel l-imputat qabel ma ha l-azzjoni in difiza bl-uzu tal-forza. Kif jghid il-Professur Mamo *"the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Jekk wiehed jezamina il-versjoni tal-fatti kemm l-istqarrija kif ukoll x-xhieda ta' l-imputat – li kif diga inghad hija fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-versjoni attendibbli - jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-elementi kollha fuq esposti biex tkun gustifikata l-uzu tal-forza in legittima difeza jirrikorru. L-imputat sab ruhu inaspettattament aggrediet minn Busuttil li kellu *wheel brace* f'idejh u beda jaghtih biha. F'dawk ic-cirkostanzi, l-imputat ma kellux xelta hlief li

[3] Mill-Imhallef Vincent De Gaetano, Vol. LXXXII-Part 4- pag. 294

iddefenda ruhu, u ghalkemm Busuttil kissirlu n-nuccali, l-imputat irnexxielu jehodlu l-*wheel brace* u ta lil Busuttil biha. Ghalkemm imwegga' Busuttil, li kellu statura ikbar minn ta' l-imputat, qabad lill-imputat minn ghonqu, u beda jaghfsu tant li l-imputat beda jghajjat li qed jifgah, u li kieku ma waslux il-pulizija fil-hin, ma nafux x'kien jigri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fl-opinjoni tal-Qorti l-imputat kien gustifikat li jagixxi b'dak il-mod taht legittima difiza ghalih innifsu, u stante li din il-linja ta' difiza u eccezzjoni qed tigi milqugha tara ghalhekk li din l-imputazzjoni kontra l-imputat ma gietx ippruvata u ghalhekk il-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati ta' offiza gravi volontarja fil-konfront ta' Clinton Busuttil.

**L-imputazzjoni taht l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-imputat ammetta kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu li l-vettura li kien qed isuq ma kienitx koperta b'licenzja ghas-sewqan. Pero mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kien qed isuq b'manjiera traskurata u perikoluza.

**L-Imputazzjoni taht l-Artikoli 3(1), 3(1)(a) u 3(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-imputat ammetta wkoll kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu li l-vettura li kien qed isuq ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

**L-Imputazzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

In vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula meta kienet qieghda tigi ikkunsidrata l-imputazzjoni ta' ferita gravi fuq

il-persuna, l-anqas din l-akkuza kontravvenzjonali ma tirrizulta pruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawk l-akkuzi fic-charge sheet originali li ma gewx riprodotti fl-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali, wara li rat l-artikoli 216(1)(a)(i), 216(1)(b) u 223 tal-Kapitolu 9, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, l-artikolu 3(1), 3(1)(A), 3(2), 3(2A) tal-Kapitolu 104, u l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta:

1. fil-waqt li ma issibx lill-imputat hati ta' ksur ta' l-artikoli 216(1)(a)(i), 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 migjuba kontrih, u qieghda tilliberah minnhom,
issib lill-imputat hati ta' ksur ta' l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, l-artikoli 3(1), 3(1)(A), 3(2) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal multa ta' €2,500 u tordna l-iskwalifika tieghu mill-licenzja tas-sewqan ghal tnax-il xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------